MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Numru 198/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**JONATHAN KIRCOP**
**STEFAN CUTAJAR**
**AARON PACE**
**MARIO LIA**

**Illum 30 ta’ Lulju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha **(1) Jonathan Kircop** ta’ 19 il-sena bin Domenic u Maria nee’ Camilleri mwieled Pieta fis-17 ta’ April 1988 u li joqghd f’ indirizz mhux

maghruf Wied il-Ghajn. I.D. 206488M. **(2) Stefan Cutajar** ta’ 16 il-sena Gaetano u Cathrine Portelli mwieled Pieta fit-23 ta’ Awissu 1991 u li joqghod 24 Triq il-Venewwa Fgura. 4202101M. **(3) Aaron Pace** ta’ 16 il-sena bin Joseph u Miriam Alamango mwieled Pieta fid-9 ta’ Frar 1992 u li joqghod Victor Flats 144/3 Palm Street, Paola. U.D. 99092M. **(4) Mario Lia** ta’ 14 il-sena bin Michael u Rose Vassallo mwieled Pieta fl-1 ta’ Ottubru 1992 u li joqghod Block 2 Flat 2 H. E. Fgura. I.D. 472792M.

Billi gew akkuzati talli b’diversi atti, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe talli fit-2 ta’ Settembru 2007 ghal habta tas-1.00am., u matul iz-zmien ta’ qabel ikkommettew serq ta’ ghodod minn garaxx fil-Fgura, kif ukoll minn garaxx li jinsab Hal Tarxien, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-hin u bil-valur, liema valur huwa ta’ aktar minn LM500 (euros 1167.33) izda anqas minn LM1000 (euros 2334.65).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok FM1 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef iddikjara li l-imputati ikkoperaw bi shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosektur, Dr Deborah Attard ghall-imputat Mario Lia, Dr Martin Fenech ghall-imputat Stefan Cutajar u Dr Chris Busietta ghall-imputat Aaron Pace iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat l-imsemmija imputati kienu taht l-eta’ ta’ 18 il-sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Jonathan Kircop l-artikoli 18, 261(a), (c) u (f), 262(1)(b), 267, 270, 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputati Stefan Cutajar, Aaron Pace u Mario Lia l-artikoli 18, 31, 37, 261(a), (c) u (f), 262(1)(b), 267, 270, 279(a), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Kircop, fuq ammisjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-istess imputat, l-eta tenera tal-imsemmi imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef iddikjara li l-imputati ikkoperaw bi shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha, tillibera lill-istess imputat Jonathan Kircop taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Issib lill-imputati Stefan Cutajar, Aaron Pace u Mario Lia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-konfront tal-imsemmija imputati Stefan Cutajar, Aaron Pace u Mario Lia japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-fatt li l-imsemmija imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imsemmija imputati u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frans Micallef iddikjara li l-imputati ikkoperaw bi shih mal-Pulizija u r-rifurtiva giet ritornata lil sidha, tillibera lill-istess imputati Stefan Cutajar, Aaron Pace u Mario Lia taht il-Provvediment tal-artikolu

22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghlux reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Jonathan Kircop, Stefan Cutajar, Aaron Pace u Mario Lia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------